# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 36**

**Avviz numru 862/97/SM**

**Ray Camilleri Marble Works Limited.**

**vs**

**Philip Bowd u b'digriet tat-13 ta' Gunju, 1997 Ronnie Gauci kjamat in kawza.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 t'April ta' l-1997 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti, quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallas dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti in liena ta' danni li sofriet l-istess socjeta' attrici b'rizultat ta' xoghol hazin ta' tqeghid ta'**

**granit li pogga fid-Daewoo Showroom, Imdina Road, Qormi u liema xoghol kien gie nkarigat jghamel skond is-sengha u l-arti mis-socjeta' attrici;**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali;**

**3. Ingunt minn issa in subizzjoni;**

**Illi ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat li d-danni ma jeccedux is-seba' mitt Lira Maltin, (LM700.00,0);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-12 ta' Gunju ta' l-1997 li permezz taghha l-konvenut Philip Bowd eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ma kkaguna l-ebda dani lis-socjeta' attrici, u la kellu xi nkarigu u wisq anqas esegwixxa xi nkarigu fuq struzzjonijiet tas-socjeta' attrici;**

**2. Illi l-istess xoghol gie esegwit minn certu Ronnie Gauci li ghalhekk qed jigi formalment mitlub lil din l-Onorabbli Qorti li jigi kkjamat fil-kawza sabiex jirrispondi hu ghat-talbiet attrici;**

**3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat il-verbal tal-kjamat in kawza Ronnie Gauci datat il-5 ta' Mejju ta' l-1998 li permezz tar-rapprezentant legali tieghu eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligi ta' Malta peress illi ghaddew sentejn mill-assun tal-atturi;**

**2. Bl-pregudizzju ghas-suespost ix-xogholijiet esegwiti minnu saru skond is-sena u l-arti u f'kaz ta' nuqqas huma l-kontendenti l-ohra jew min minnhom;**

**Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;**

**Semghet ix-xhieda l-ohra prodotta;**

**Rat id-dokumenti kollha esebiti nkluza r-relazzjoni peritali;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi preliminarjament jinghad li ghalkemm il-kjamat in kawza eccepixxa l-preskrizzjoni dan il-kwezit bl-ebda mod ma jidher li gie indirizzat mill-partijiet u konsegwentement qed tichad din l-eccezzjoni preliminari;**

**Illi in oltre, ghandu jinghad a skans ta' ripetizzjoni li l-meritu sollevat f'din il-procedura gia gie deciz illum stess minn din il-qorti fil-kawza fl-ismijiet Ronnie Gauci vs Ray Camilleri u Philip Bowd – Avviz Numru 29/97SM u konsegwentement tichad it-talba attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**